MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 533/2003

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd (C22065)**

**Vs**

**Semsi Erhan f'ismu propju u ezercenti l-kummerc taht l-ismijiet Lovely Turkish Kebab u Champion Turkish Kebab**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-soceta attrici talbet sabiex il-konvenut, fil-kwalitajiet tieghu premessi jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm4532.15) rapprezentanti prezz ta' merci konsistenti fi prodotti ta' ikel mibjugha mis-socjeta' attrici u konsenjati lil konvenut ghal Lovely Turkish Kebab u Champion Turkish Kebab u mhux imhallsa skond kif jidher fuq iz-zewg statements annessi u mmarkati Dok A u B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali mibghuta fl-4 ta' Awissu 2003 annessa mal-avviz u mmarkata bhala Dok C u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-annessi Dok A, Dok B, u Dok C (fol 2 sa fol 6 tal-istess atti)

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat illi kif jidher a fol 15 'a tergo tal-atti', l-konvenut kien gie notifikat bl-avviz in esami. Pero fis-seduta tas-27 ta' April 2004 (fol 16 ibid) il-konvenut ma kienx deher u kien gie presentat u debitament approvat Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u l-kaz gie differit, ghal dan l-iskop, ghall-10 ta' Mejju 2004. F'din is-seduta, kienu dehru l-konvenuti, kif assistiti u l-Qorti giet infurmata li t-talba attrici kienet ser tigi kontestata "… billi l-konvenut qed jallega li l-ammont dovut minnu hu anqas minn dak pretiz' u ghalhekk l–istess konvenut kien inghata l-fakolta li jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu bil-miktub u dan il-kaz gie differit ghas-seduta tallum stess ghal-provi tas-socjeta attrici. Dwar dan, pero', jidher mill-atti li dawn l-eccezzjonijiet ma gewx presentati jew sottomessi.

Illi. fl-istess seduta tallum, instemghet ix-xhieda, taht gurament ta' Nikolai Balzan, u dan, in rappresentanza tas-socjeta attrici, kkonferma li l-ammont specifikat fl-avviz, kien dovut sad-data tallum u dan bhala prezz ta' merci ossija prodotti tal-ikel mibjughin u konsenjati lill-istess konvenut.

Illi, a bazi ta' dak kollu premess, it-talba attrici, b'mod car u evidenti, ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn l-motivi,l-Qorti tilqa t-talba' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut, fil-kwalitajiet tieghu premessi sabiex jhallas is-socjeta attrici s-somma ta' Lm4532.15,0 bl-imghax legali mit-28 ta' Ottubru 2003 tad-data tal-

pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali mibghuta fl-4 ta' Awissu 2003, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------